

# IL-MUSEUM FIS-SIĠĠIEWI – ĠRAJJA TA' 60 SENA

Matul din is-sena, fil-parroċċa tagħna qed infakkru is-60 anniversarju mill-bidu tal-Museum fis-Siġġiewi, li kien proprju fit-3 ta' Mejju 1928.
Kienu diġa' għaddew 21 sena minn meta s-saċerdot żagħżugħ Dun Ġorġ Preca kien ta' bidu għal din is-soċjeta tat-tagħlim nisrani. U kienu diġa'nfetħu 21 djar tat-tagħlim f'diversi bliet u rħula ta' Malta, meta, Alla ried li tinfetaħ dar ukoll fis-Siġġiewi. Il-Museum fir-raħal tagħna jaf il-bidu tieħu lil tliet membri minn Ħaż-Żebbuġ li ġew magħżula biex jiftħu museum fis-Siġġiewi. Dawn kienu Karmnu Bonnici, Manwel Azzopardi, u Karmnu Bezzina.
Meta bdew ilaqqgħu it-tfal u ż-żgħażagħ għat-tagħlim, f'dar li krew fis-sqaq ta' wara l-knisja, sabu ħafna koperazzjoni u għajnuna minn diversi nies. Bdew isibu għajnuna miż-żgħażagħ siġġiewin infushom li bdew jattendu kuljum u ftit wara saru membri, fosthom Manwel Bonnici u Ġużeppi Bonello. Sabu għajnuna kbira wkoll mingħand il-kappillan Dun Franġisk Bonanno li kien jgħinhom b'diversi manjieri. F'dawn l-ewwel snin, il-museum fis-Siġġiewi beda jsib għajnuna kbira wkoll minn nies li ma kellhom l-ebda konnessjoni mal-museum, iżda kienu jifhmu l-importanza tat-tagħlim u għalhekk kienu jfittxu li jgħinu din l-opra mill-aħjar li jistgħu. Dawn il-benefatturi kienu jagħtu l-għajnuna tagħhom b'diversi manjieri, bħal flus, injam biex isiru l-bankijiet għall-klassijiet, pitrolju biex jinxtegħlu l-lampi, kotba, u tant affarijiet oħra.

Wara xi ħames snin, il-museum fis-Siġġiewi għamel pass kbir 'il quddiem meta akkwista dar ġdida u sabiħa fi triq il-Knisja l-Qadima aktar addattata għat-tagħlim. Din id-dar ġiet mogħtija mis-sur Ġużeppi Agius li kien mill-Furjana iżda kien miżżewweġ u joqgħod is-Siġġiewi, u li għandu jkun meqjus bħala benefattur kbir tal-parroċċa tagħna.
F'din id-dar ġdida, il-museum dejjem baqa' jsib ħbieb u benefatturi li bl-għajnuna tagħhom għenu biex it-tagħlim tad-duttrina jibqa' miexi 'l quddiem. Sab għajnuna fi żmien il-gwerra — żmien ta' taqlib kbir — meta anke d-dar tat-tagħlim ittieħdet biex fiha jidħlu r-refuġjati. Sab għajnuna wkoll fis-snin 1965-66 u wkoll 1983-84 meta ħafna benefatturi taw għajnuna finanzjarja biex isir bini ġdid fuq wara tal-museum minħabba li n-numru tat-tfal żdied u kien hemm bżonn li jinbnew klassijiet oħra.
F'kelma waħda, din il-ġrajja ta' 60 sena għaddiet u dejjem setgħet tkompli permezz ta' nies li taw l-għajnuna tagħhom. S'intendi, irridu dejjem niftakru li fuq kollox, l-akbar benefattur kien Alla l-Imbierek, li kollox hu jmexxi, bil-grazzja tiegħu, u ta' dan għandna għax ngħidulu grazzi kbira. Illum pero, f'dan is-60 anniversarju, il-membri tas-Soċjeta tal-Museum jixtiequ jirringrazzjaw pubblikament lil kull min, b'xi mod jew ieħor, ta xi għajnuna biex din l-opra ta' tagħlim setgħet tkompli. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-kleru kollu li fih dejjem instabet għajnuna mill-aktar siewja. Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lill-benefatturi kollha, ġenituri u mhumiex, li xi darba jew oħra matul dawn is-sittin sena, offrew flus, xogħol, oġġetti jew kull forma ta' għajnuna oħra. Aħna nifhmu li dawn il-benefatturi qatt ma taw l-għajnuna tagħhom biex aħna noqgħodu nfaħħruhom jew nirringrazzjawhom, għaliex fuq kollox l-aqwa grazzi u l-aqwa tpattija jagħtihielhom Alla nnifsu fil-ġenna. Aħna pero, nixtiequ nirringrazzjaw lil dawn kollha għax nemmnu li huma taw għajnuna għal missjoni mill-aktar nobbli — it-tagħlim.

(Ikompli minn paġna 3)

**U ILLUM**

Għandna għax nifhmu li anki illum, l-għajnuna tal-Madonna ma tonqosna qatt. Il-Knisja ta' żmienna, għaddejja minn ħafna qtigħ il-qalb u minn ħafna provi, għadha issib l-għajnuna tagħha f'Marija.

L-Imħabba tal-Papa Gwanni Pawlu II lejn il-Madonna, huwa sinjal ta' imħabba sħiħa u mhix kondizjonata li kull nisrani fil-Knisja għandu jkollu lejn il-Madonna.

Għalhekk fit-tmiem ta' din is-sena Marjana ejjew nagħmlu ħilitna biex dan iż-żmien li fadal neħduh bis-serjeta' biex nerġgħu inqajmu fina mħabba sinċiera lejn il-Madonna.

Jalla iċ-ċelebrazzjoni tal-GHID IL-KBIR ta' din is-sena iġeddidna f'din l-imħabba tagħna lejn Marija Omm il-Knisja u Ommna.

Lill-Parruċċani kollha, lil kull għaqda, u lil kull min iħossu magħqud mal-Knisja nixtieq minn qalbi —
**L-GHID IT-TAJJEB.**